# Poeżija

Rita Saliba

"Aħna qegħdin hawn għax nixtiqulek il-ġid."

Għadni dieħel mix-xirja, li nagħmel b'ħarba wara x-xogħol. Insibhom kollha fil-kamra ta' barra. Niesi, b'ħarsithom imsammra fuqi. Ma kienx mument li ħallejt ċavetta għand ommi. Ħbejt il-pizez tal-friża bil-flokk wiesa'; il-pakkett taz-zalzett se taħbat tinżillu l-friża ħassejtu kiesaħ ma' żaqqi. Bqajt dieħel fil-kċina u tfajt il-basket tal-plastik b'kollox fil-friġġ. Kelli anke pakkett xfafar tal-leħja, maħtuf l-aħħar ħaġa minn fuq xkaffa, sab ruħu għall-frisk. Xammejt riħa ta' kejk. Ma kontx intbaħt bih fuq il-mejda mkaħħla mal-ħajt. Il-mara ta' ħija. Hi ħmietu. Imma ma jaħbatx għeluq snini, u lanqas ma ħadt promozzjoni. Xi promozzjoni trid tieħu fil-laboratorju fejn naħdem? Li qgħadt nofstanhar nosserva żewġ ġrieden irvillati f'gaġġa? Staġnajt f'dak il-post, bħaċ-ċelloli mejta fit-tubi tal-ħġieġ.

Is-skiet stennieni fil-kamra ta' barra, li sservi ta' kamra tas-sodda, la jitilquli 'l hemm. Mhux sinjal tajjeb li ltaqgħu kollha għandi. Ommi, berflet it-tissue bejn idejha, għajnejha ħomor iħarsu lejn id-disinn, jew il-ħmieġ ta' fuq it-tapit. Oħti trekknet ma' żewġha. Is-soltu tħalli lilu jitkellem. M'għandix bżonn min jitkellem għalija. Il-mutur begħtu. Il-prietki dfinthom. Xtrajt karozza. Għadni nħallasha. Billi nixrob kultant m'jien inweġġa' 'l ħadd. Imma x'jindaħal dan? Oħti ż-żgħira tbissmitli bis-serqa. Ġiet magħhom bilfors. Missieri kien qed jirranġali gwarniċ imxattar.

“Dan agħmlu fuq żewġ anelli,” qalli qabel poġġa bilqiegħda. Kont naf li lest li jibda.

“Poġġi naqra, Dario,” qalli ħija.

Ma tajtx kasu. Aħjar nibqa’ bilwieqfa f’każ li jkolli nitlaq ’il barra. Mhux se jibqgħu hawn f’dat-taqlib. Jafu jagħlqu l-bieb warajhom. Imma issa l-kurżità kilitni. Ġara xi ħaġa. Min seta’ miet, jew marad? Ħarist lejhom kollha għal xi ħjiel. Oħti ħarset lejn żewġha. Infaħt.

“Dario, ninsabu inkwetati fuqek!” qalli Tony, ir-raġel t’oħti.

Biex ħerġin? Tassew li ili ma nersaq lejn id-dar tal-ġenituri. U nsejt immur bir-rigal tan-neputi għal għeluq sninu. X’raw stramb fija, jew x’ma rawx? Abjad karti, naf. M’iniex immur fix-xemx. Nippreferi nibqa’ hawn imkaħħal mal-laptop, insensel erba’ kelmiet. Missieri qam minn bilqiegħda u newwilli gazzetta mitwija. Ma naqrax gazzetti. L-aħbarjiet narahom mill-kompjuter. Ma jinteressawnix wisq; kemm sar żvilupp dawn l-aħħar snin, kemm qed jiġġenera kummerċ, kemm saru investimenti … Ma nafx x’riduni nara. Ma nafx li kont sirt famuż.

“Il-poeżija, Dario,” beda missieri, “qed iġġennek!”

Ftaħt il-gazzetta mitwija. Ritratt tiegħi meħud min jaf minn fejn, ħares lejja mill-paġna tan-nofs. Taħtu artiklu dwar il-kitbiet tiegħi. Ma niftakarx li tajt xi intervista lil xi ħadd.

“X’għandha ħażin il-poeżija?”

“Qed issir tal-biża.”

“Makabra.”

“Ixxaqleb lejn l-oskur …”

“Qed nara li qrajtuh sew l-artiklu kollha kemm intom.”

Il-mamà ħarset lejja għall-ewwel darba. “Dario, kont tikteb sabiħ tant. Dawk il-versi li kont tiktbilna f’xi okkażjoni. Tferraħna. Kollha kont nerfagħhomlok. U issa, tikteb titli bħal *Dekompożizzjoni* … *Taħt il-Kaptelli* … *Żejt imranġa*t …”

Dik hija espressjoni ħierġa minni, ħsusi, ikolli bżonn nirremetti ittri kliem fuq blank document sakemm nara biċċa xogħol kompluta. Kif se nfehemhom?

“Ma titħajjarx titkteb dawk l-istejjer ħelwin ta’ sħaħar żgħar li jiġu jagħlqulna l-kpiepel t’għajnejna filgħaxija?” Leħen oħti ż-żgħira bilkemm instema’. Bilfors qalulha xi tgħid. Niftakar li kont ivvintajtilha storja biex innessiha l-pupa li dfintilha rasha fil-qasrija. Jekk niftakar sew ħallejtha torqod u spiċċajthielha waqt li kienet rieqda. Is-sħaħar iż-żgħar kienu għamlu festa mill-biċċiet tal-plastik. Ommi donnha ftakret. Għajnejha mberrqin weħlu fuq disinn mit-tapit, donnu qed jikber u jiġġebbed lejha.

“U toħroġhom f’kotba għat-tfal. Iddaħħal xi ħaġa għall-kitba tiegħek.”

Hemm aħna. Iriduni nagħmel il-flus. Poeta jmut bil-ġuħ. Lanqas niesu ma jaqraw il-poeżiji tiegħu. Jaqraw x’kitbu dwaru, dwar kitbietu. Qed jagħfas il-ġuħ. M’għandix aptit nisma’ prietki vojta.

“Il-poeżija mhix għal kulħadd,” lissint. Stajt ninnota li l-oħrajn ħadu r-ruħ, li ftaħt ħalqi fl-aħħar. Iridu jargumentaw.

“Mela dik poeżija? Qed iġġibna fi lsien in-nies b’li qed tikteb!” Il-papà tilef sabru.

“X’qed nikteb?” sfidajtu. Ħadli l-gazzetta minn idi u sab linja fl-artiklu.

“*Nitliegħeb ma’ ġismek maħsul f’lejl ta’ passjoni … riħtek tqajjem l-irwiefen ġo fija … inxomm ir-riħa tad-deffien …*” Kien se jaqra linja oħra iżda rajtu maħsud.

“Din x’kitba hi? Jaqaw qed tiblagħhom?” għajjat qrib wiċċi.

L-artiklu qrah xi ħadd mill-uffiċċju tal-papà. Ħammarlu wiċċu.

“Mhux hekk, Paul!” qabżet ommi.

“Dario, jekk għandek xi problemi, tkellem magħna. Għidilna, inkwetat fuq xi ħaġa?”

“Inkwetat għax nikteb versi? Insib żvog fil-poeżija, li saret ħajti?” weġibt lil ommi. Bilkemm ridt nemmen x’qed jiġri f’dil-kamra. In-nifsijiet tagħhom bdew jinxtammu tqal. Kelli seba’ mitt sena nerġa’ nsib ruħi waħdi. Żaqqi qed tgorr u nixtieq niekol li rrid u li jogħġobni. Il-pakkett zalzett li xtrajt ma tfajtux fil-friża. Se jinżillu s-silġ kollu. Jaf ninsieh. Idewwed u jnitten friġġ.

"Hemm tant x'tikteb!"

"Erġa' ibda ikteb proża, stejjer sbieħ."

"Inkunu aktar komdi aħna wkoll!"

"Intom?! Din m'għandhiex x'taqsam magħkom!" għajjatt.

"Dario, dan li qed tikteb mhux int," qalli Tony. Fejn jaf min jien? Tajt daqqa t'għajn 'l oħti. Inġibdet lura minn ħarsti.

"Min taħsbu li jien? Mhux l-istess għadni, Dario tat-tebgħa fuq għajnu x-xellugija. Dario li ma jħobbx il-folol, li jippreferi l-lejl mill-jum …"

"Irriduk tkun kuntent, dak kollox."

Jien kuntent. Huma mhumiex.

"Qed tinkwetaw għalxejn. Imma issa, jimporta toħorġu. Għada rrid inqum għax-xogħol." Qomt niftaħ il-bieb. Ma kinux beħsiebhom jitilqu.

"Kollox sew! Nibda nikteb proża, stejjer ta' dinja tħaddar u arja li timlielek il-pulmun, ta' nies li jafu biss it-tajjeb u ssibhom lesti biex jgħinuk!" Dal-kliem qanqal aktar ħars neffiedi, suspettuż. Aħjar nibdel it-ton ta' leħni. Jekk nilqgħalhom se tiġini agħar. Jibqgħuli hawn jargumentaw.

"Insejt noffrilkom x'tixorbu. Grace, dak il-kejk int ġibtu?" Il-mara ta' ħija ħmaret. Qomt u mort tajtha bewsa fuq ħaddejha. Il-fwieħa ta' wara widnejha għoddha stordietni. Stajt nintebaħ li nfixlet.

"M'għandkomx għax tinkwetaw. Il-poeżija ftit jaqrawha. Jaf ma tinftihemx …" Missieri kien se jgħid xi ħaġa. Waqqaftu. "Jekk tridu sserrħu raskom, nibda nikteb ir-rumanzi, tajjeb hekk?" M'emmnunix, naf. Tnikkru qabel ħarġu wara xulxin kollhom ħars biċ-ċiera.

Dħalt nitfa' l-pizza fil-forn. Intasabt mal-mejda. Ftaħt il-gazzetta fejn kien hemm l-artiklu dwar kitbieti. Bdejt naqra, qbiżt il-linji. M'hemm xejn li ma nafx li ktibt … titli ta' poeżiji stampati b'tipa ħoxna sewda, versi meħudin barra mill-kuntest interpretati mill-artikolista, qbiżt aktar linji jduru mal-istess ħsieb, qrajt aktar 'l isfel.

*Il-poeta qed jara l-għadam taħt il-ġilda, ix-xjuħija u l-mard iħassar il-mudullun. Xi drabi jissieħeb mad-dgħufija, f'oħrajn jirribella għax jaf*

*li ma jista' qatt jirbaħ lin-natura. Il-poeżija ta' Darmanin hija pittura siekta mċallsa fuq tila mġebbda, id-dnub immortalizzat f'pinzellati, sensiela ta' kuntrasti bħat-tarbija tarja ilma mormija b'borża tal-plastik minn ommha u omm midfuna f'borża tal-plastik wara li ż-żmien u l-mard qaddidha.*

*Darmanin huwa r-ribelli, l-antikonformist, l-antireliġjuż, b'metafori jiddominaw l-użu tas-salib; jilmenta mill-għeja, jisħet soċjetà mgħammda bi frivolitajiet. Madankollu l-poeta jibqa' jiggranfa mal-issa, ifittex u jibqa' jivvjaġġa permezz tal-versi tiegħu … Darmanin huwa l-poeta tal-lum …*

Qabadni d-dardir. Fi mnifsejja daħlet riħa ta' ħlewwa, ħjiel ta' essenza tal-lewż imħallta ma' tuffieħ iffermentat. Ftakart fil-kejk jistenna quddiemi. Ma xtaqtx nieklu qabel il-pizza, imma l-ġuħ beda jagħfas. Qtajt biċċa. Minn ġo nofsu żżerżqet krema ħadra li dellkitli idi. Fakkritni fil-kampjun li analizzajt aktar kmieni fil-laboratorju. Subgħajja t'idi x-xellugija bdew iwaħħlu. Dawk tal-leminija bdew jikluni biex nikteb. Sibt pinna u borża tal-karti. Ħarbixt it-titlu ġdid ta' poeżija: *Tnixxija*.